TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Chairperson: John Bencini.

Deċiżjoni numru : 2990

Każ Nru: 4061/JB

Fil-Kwistjoni tax-xoghol bejn:

Mark Muscat (K.I. nru. 281378M)

vs.

NGatt Consultancy Services Limited (C 82471)

Illum:10 ta' Mejju, 2024

**Interpretazzjoni ta 'Deċiżjoni**

**It-Tribunal:**

Ra d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Mark Muscat (K.I. nru. 281378M) ('l-appellat') vs. N. Gatt Consultancy Services Limited (C82471) mgħotija fit- 3 ta 'April, 2024;

Ħa konjizzjoni tas-sentenza ta 'appell surriferita fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet illli:

*Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta u tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta, billi tiċħad l-ewwel żewġ aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, filwaqt li tilqa t-tielet aggravju tagħha, u tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex dan ai termini tal-artikolu 83(1) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta Malta jagħraf jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu kif titlob il-liġi."*

Għaldaqstant u in osservanza tal-istess, it-Tribunal jiddikjara kif ġej:

Fid-deċizjoni appellata, it-Tribunal kien stabilixxa s-somma ta' tmintax-il elf u sitt mitt (18,600) ewro bħala l-kumpens li kellu jingħata għat-terminazzjoni inġusta tal-impjieg tar-rikorrenti.

It-Tribunal wasal għal din is-somma msemmija wara li ħa konsiderazzjoni tad-danni reali sofferti mill-impjegat, telfien ieħor li sofra riżultat tat-terminazzjoni

tal-impjieg, kif ukoll ċirkostanzi oħra inklużi l-età u l-ħiliet tiegħu li jaffettwaw il-potenzjal lavorattiv tiegħu.

Mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal, kien jirriżulta illi r-rikorrent tkeċċa mill-impieg f 'Marzu 2022 wara li ġie mċaħħad milli jingħata kuntratt ta 'xogħol. Konsegwenza tat-terminazzjoni tal-impjieg in kwistjoni, ir-rikorrent sofra telfien ta 'paga li baqa 'jipperdura sad-data tad-deċizjoni ta 'dan it-Tribunal u *cioe* sal-21 ta 'Awwissu, 2023. Dan ifisser perijodu ta '*piu o meno*, sbatax-il xahar.

It-Tribunal ikkonsidra illi l-impjieg in kwistjoni kien il-*main employment* tar-rikorrent u s-sors ewlieni ta 'ntrojtu tiegħu. Konsegwenza t'hekk, evidentament tpoġġa f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ ekonomiku anki għaliex ma setgħax jidħol għal self minn bank fuq xiri tar-residenza tiegħu u kellu jidħol f'kera. Ir-rikorrenti kien qal ukoll li anke jekk qatt ma nghata mezzi telefonici jew kompjuter ghall-uzu tax-xoghol tieghu, kien kostrett juza t-taghmir personali tieghu. Madanakollu, t-Tribunal qies ukoll illi r-rikorrent għadu relattivament żgħir fl-eta', għandu kapaċitajiet u esperjenzi ta 'xogħol validi u allura ċertu prospetti ta 'impjieg.

Meta t-Tribunal evalwa kollox, qies illi għandu jikkwantifika l-kumpens għat-tkeċċija inġusta fuq it-telf attwali li sofra l-impjegat bin-nuqqas tad-dħul mill-perijodu tat-tkeċċija sad-data tal-għoti tad-deċizjoni tat-Tribunal. Fil-komputazzjoni tiegħu, t-Tribunal qies il-paga netta tar-rikorrent u minn dan l-ammont naqqas l-ekwivalenti ta 'xahrejn paga. Fil-komputazzjoni tiegħu t-Tribunal kien ċirkoskritt minn dawk il-provi illi attwalment kienu tressqu quddiemu.

(Iffirmat)

John Bencini
Chairperson